SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tnejn u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ġimgha 17 ta' Settembru 2010 fil-5:00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

3.0 **Korrispondenza**

3.1 Ġiet trattata ittra mingħand il-University *of Zagreb – Centre for Mediterrenean Studies* f'Dubronvik il-Croatia, f' dan l-ittra l-organizzaturi qed jistiednu lis-Sindku biex jattendi għall-konferenza li ser issir f' Dubrovnik biex jaghmel diskors f'isem Malta. Huma nfurmawh li qed iħallsu l-ispejjes kollha konnessi minbarra l-vjaġġ tal-ajru. Il-Kunatt tas-Sindku ingħatalhom minn Profs Mifsud wara kuntatti li kienu saru f'konferenza li kienet saret fi Sqallija li għaliha attendew is-Sindku u s-Segretarja. Is-Sindku Noel Formosa rtira mill-laqgħa biex din il-materja tiġi diskussa u l-Kunsill jiddeċiedi bil-liberta jekk is-Sindku għandux jattendi jew le. Il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku għandu jmur jirrapreżenta lil Malta f'isem il-Kunsill Lokali San Lawrenz u għalhekk sar qbil li għandha tithallas l-flight.

**4.0 Kera ta' post ċentrali biex jintuża bħala Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill**

4.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li bħalma ġieli semma' l-għassa tal-pulizija b'effett immedjat ma tistax tibqa topera minn fejn hi preżentament u għalhekk irid jinstab lok ieħor. Huwa propona li temporanjament tintuża fejn illum hemm il-Berġa tal-lokal u minflok il-berġa tiġi trasferita għar-Reference room. Huwa semma li

kemm il-Pulizija kif ukoll Dr Livori tad-Dipartiment tas-Saħħa qed jaqblu dwar dan. Is-Sindku fakkar li din il-miżura qed isir fuq żbazi temporanja.

4.2 Hawn hekk reġgħet tqajjmet il-materja dwar il-possibilita' li jinkera xi post aktar ċentrali. Issemmew li hemm xi sidien ta' postijiet fiċ-Ċentru tar-raħal li jidhru li huma nteressati li jikru biex il-post ikun jista jintuża mill-Kunsill. Saret diskussjoni dwar dan u ssemma li l-kiri jkun sakemm isir il-proġett ta' bini ta' uffiċini, peress li għall-proġett bħal dan hemm bżonn ta' investiment qawwi. l-progett li jista jieħu fit-tul. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ avviż ta' kera ta' post aktar fiċ-ċentru u li possibilment fih jinkorpora għassa tal-pulizija u possibilment anke latrina pubblika.

4.3 Sar qbil li għandu jinħareġ avviż f'kull dar kif ukoll fil-gazetta tal-gvern u gazetta lokali.

4.4 Fl-aħħar ta' din id-diskussjoni l-Kunsillier John Mercieca ħareġ proposta biex tinbena d-daħla ta' l-iskola bħala għassa bil-Kunsill fuqha.

**5.0 Żviluppi dwar il-Festival tad-Dwejra**

5.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li huwa kellu mal-MEPA bħala waħda pożittiva ħafna fejn l-MEPA apprezzat l-fatt li ġew ikkuntatjati minn ħafna żmien qabel. Huwa qal li l-Mepa qed jistaqsu għall-ġeneru ta' mużika li ser tindaqq, hawn is-Sindku qall li tajjeb li jsir kuntatt man-Nafra li diġa ġew bi proposta u wkoll li kien avviċinat ukoll mis-sopran Miriam Cauchi.

5.2 Il-Kunsill qabel ma dan kif ukoll li bħala data tal-festival issir fid-9 u l-10 ta' Settembru peress li ser jinzertaw long-weekend.

5.3 Sar qbil li ma dan il-Festival għandha tiġi organizzata Konferenza Internazzjonali li għaliha jiġu mistiedna l-lokalijiet ġemellati jew li għandhom kuntatt magħna, jiġifieri Colle Umberto, Isola d'Elba u La Ballme de Sillingy. Għal din il-konferenza għandna napplikaw taħt il-proġett tat-Town for Citizens tal-Unjoni Ewropeja.

**6.0 Il-film fid-Dwejra**

6.1 Is-Sindku semma li d-direzzjoni tal-filming talbuna xi extras. Sar qbil li għandna ninfurmaw u nagħtu l-kuntatt lill-pubbliku permezz tal-avviżi tal-Kunsill.

**7.0 Loan mal-bank inkonnessjoni mal-Misura 323**

7.1 Is-Sindku rrefera għall-iffirmar tal-kuntratt u b'hekk issa nafu fi żgur li l-proġett ser iseħħ. Is-Sindku semma li peress li rridu noħoġu 10% + l-VAT tal-proġett, il-Kunsill jinħtieġ li jisellef mill-Bank, peress li l-allokazzjoni ma tlaħħaqx. Pero s-

Sindku semma wkoll li huwa kiteb lis-Segretarju Parlament Chris Said sabiex jitlob f'ismna lil-Ministeru tal-Finanzi sabiex il-Kunsilli Lokali jiġu eżentati milli jħallsu l-VAT fuq dan il-proġett jekk jiġri dan l-Kunsill ma jkollux bżonn jieħhu loan għax b'hekk il-Kunsill ikun jista' jieħu sa massimu ta' €50,000 bħala ko-finanzjament, kopja ta l-ittra ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa.

**8.0 Aġġornament fuq il-proġett tal-Faċċata tal-Knisja**

8.1 Is-Sindku rrefera għall-proġett tal-Knisja bħala wieħed li miexi b'rittmu tajjeb ħafna u qed isir xogħol li skont il-perita qed isir tajjeb. Il-perita qegħda ssegwi x-xogħol b'mod skrupluż ħafna u hija kuntenta bl-andament tax-xogħhol. Sadanittant nqalgħu il-pitturi minn posthom u beda r-restawr fuqhom filwaqt li l-orgni daqt jinqala' u jibda jiġi restawrat.

**9.0 Kampanja Lokalitajiet Indaf**

9.1 Is-Sindku fakkar fl-applikazzjoni li saret għal €1000 biex jintefqu fil-kampanja Lokalitajiet Indaf biex permezz tagħhom inkunu nistgħu nwettqu xi tip ta' attivita' biex tkompli tqanqal sens ta' apprezzament lejn l-ambjent u l-indafa fost l-abitanti. Is-Sindku propona li għandna noħolqu Mascot u nippreparaw xi *colouring book* relatat mal-identita' ta' San Lawrenz u b'messaġġi favur l-indafa. Il-Kunsill qabel li għandna nqabbdu lil *cartoonist* Għawdxi Martin Attard biex jagħmlilna d-disinn. Sar qbil li l-*colouring book* jitqassam lit-tfal kollha tal-lokal.

**10.0 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

10.1 Is-Segretarja prezentat l-iskeda tal-pagamenti u rċevuti. Dawn ġew approvati unanimamment.

**11.0 Materji oħra**

11.1 Is-Sindku rrefera għal-wirja ta' karozzi klassiċi u ddeskriviha bħala waħda tajba ħafna. Huwa reġa ħeġġeġ lill-Kunsill biex fil-futur qarib norganizzaw wirja tal-karozzi u jew muturi antiki.

11.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret talba lill-kuntrattur tal-pannelli solari sabiex jagħmel dikjarazzjoni bil-miktub fejn jiddikjara li sa' l-aħħar jiem ta' Dicembru huwa jagħti lura d-depozitu li kienu ħallsu xi residenti.

11.3 Il-Kunsill iddiskuta c-childcare centre u l-ħinijiet tal-ftuħ. Sar qbil li għandna niddeċiedu wara li nevalwaw s-survey sheets li gew imqassma ma dawk li jużaw is-servizz.

11.4 Sar qbil li fil-laqgha li jmiss għandna nagħmlu rapport tad-dħul u nfieq konness mal-kors tal-ingliz għall-istudenti taljani li nżamm f'Lulju 2010.

11.5 Is-Sindku rrefera għat-talba li qed iressqulna xi residenti dwar l-organizazzjoni ta' Weekend Break f'Malta. Sar qbil li ghandna nippruvaw li jsir fix-xahar ta' Novembru.

11.6 Is-Sindku rrefera għall-attivita' tal-5 Anniversarju tal-Ġemmellaġġ. Sar qbil li bħala attivitajiet għandhom jiġu diskussi bħas soltu fil-Kumitat tal-Ġemmellaġġ.

Il-laqgħa ntemmet b'talba fis-19:00 ta' filgħaxija.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***